**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 138/18**

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Masco Security Services Limited u l-istess Masco Security Services Limited (C8088)**

**-Vs-**

**Mary Zammit (KI 78441M)**

**Illum, 27 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mill-atturi fl-4 ta' Gunju, 2018 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta Mary Zammit thallas is-somma komplessiva ta' disat elef erba' mija tmienja u tletin ewro tmienja u tmenin centezmu (€9,438.88), in kwantu ghal €9,378.88 lil Atlas Insurance PCC Limited u in kwantu ghal €60 lil Masco Security Services Limited, in linea ta' danni kkagunati mill-konvenuta Mary Zammit u sborsati mill-atturi in segwitu ghal incident illi sehh f'Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fil-fond 32, Triq Ponsomby, il-Mosta, u dan in segwitu ghal perkolazzjoni ta' ilma fl-istess fond, liema ilma skula mill-fond sovrastanti, appartjenenti lill-imsemmija konvenuta Mary Zammit; ghad-danni konsegwenzjali tal-istess incident

subiti u reklamati mill-atturi tahti unikament il-konvenuta Mary Zammit minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti, bi ksur tal-Artikoli 1031u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 ta' Mejju 2017, u bl-imghax legali b'effett mill-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenuta Mary Zammit[1] ipprezentata fl-4 ta' Lulju, 2018 fejn eccepiet:-

*"1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti tichad li hi ghandha x'taqsam mal-incident subit minn Masco Security Services u ghalhekk il-pretensjoni hi infondata fil-fatt u fid-dritt kif se jigi pruvat fil-mori tal-kawza.*
*2. Illi Masco Security Services qatt ma kienu l-legittimi kerejja ta' dan il-fond.*
*3. Illi inoltre dan l-incident ma sehhx minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti minn naha tal-esponenti.*
*4. Illi l-esponenti qabel l-ittra ufficjali u issa din il-kawza, qatt ma giet avvicinata u murija xi hsara li sehhew u subiti minn Masco Security Services.*
*5. Illi inoltre fil-pessima ipotesi u minghajr pregudizzju ghas-suespost li din it-talba tigi accettata, l-istima tad-danni sufferita qatt ma tista tkun verifikata u ghalhekk hi ibbazata fuq pretizi foloz ghall-ahhar.*
*6. Salv l-htiega ta' eccezjonijiet ulterjuri*."

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2021;

[1] Fol. 7.

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Mill-atti u l-provi jirriżulta illi s-soċjeta' Masco Security Services tikri l-fond ġewwa 32, Triq Ponsomby, Mosta biex jinħażen ġo fih il-merkanzija kif ukoll għodda u strumenti konnessi man-negozju tagħha. Din il-merkanzija, li kienet assigurata mas-soċjeta' Atlas Insurance PCC Limited taħt polza ta' assigurazzjoni, ġarrbet ħsara minħabba l-ingress ta' kwantita' sostanzjali tal-ilma mis-saqaf fuq in-naħa ta' wara tal-fond fuq ġewwa, liema parti mis-saqaf tifforma l-art tal-bitħa tal-fond sovrastanti. Mhux kontestat li dan il-fond sovrastanti huwa di proprjeta' tal-konvenuta iżda kien kien mikri lil terzi persuni fiż-żmien meta seħħet il-perkolazzjoni tal-ilma fil-fond sottostanti. In segwitu ghall-*claim* li għamlet il-kumpannija Masco Security Services Limited fis-16 ta' Jannar 2017 taħt il-polza tal-assigurazzjoni li kellha mas-soċjeta' Atlas Insurance PCC Limited, is-soċjeta' assiguratriċi ikkumpensat lill-assigurat tagħha bil-ħlas tas-somma ta' €8,167 rappreżentanti l-*quantum* tad-danni subiti mill-perkolazzjoni tal-ilma fil-fond, mertu tal-*claim*, liema ammont ġie komputat wara li tnaqqas fost, ammonti oħrajn, l-*excess payment* magħmul mill-kumpannija assigurata taħt il-polza fis-somma ta' €60. Is-soċjeta' Atlas Insurance PCC Limited, abbażi ta' dan il-pagament, ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha u bis-saħħa ta' din is-surroga, ressqet l-azzjoni odjerna flimkien mal-assigurat tagħha, għar-rifużjoni tal-ammonti sborsati minnhom rispettivament bħala riżultat tad-danni kkaġunati bid-dħul tal-ilma fil-fond, liema danni huma jikkontendu li ġew subiti unikament bi ħtija tal-konvenuta.

Il-konvenuta, li ma tikkontestax li hija l-proprjetarja tal-fond li l-bitħa tiegħu hija sitwata direttament sovrastanti parti mill-fond 32, Triq Ponsomby, Mosta, tiċħad illi l-ħsara li ġarrbet il-merkanzija fil-fond sottostanti, hija attribwibbli lilha b'xi mod jew lil xi nuqqas tagħha. Tikkontesta wkoll il-kwantifikazzjoni tad-danni reklamati, anke minħabba l-fatt li hija tinsab fl-impossibbilita' li tivverifika din il-kwantifikazzjoni

għaliex qatt ma ġiet avviċinata biex tintwera l-allegat dħul tal-ilma mill-fond tagħha u l-ħsarat riżultanti.

Il-Qorti minnufih tosserva illi l-kwistjoni dwar jekk is-soċjeta' attriċi Masco Security Services Limited hijiex il-kerrejja leġittima tal-fond li ġarrab id-danni reklamati f'din l-azzjoni, hija immaterjali: it-titolu ta' lokazzjoni tal-fond okkupata mill-imsemmija kumpannija ma għandu x'jaqsam xejn mal-kawżali tat-talba tal-atturi fl-azzjoni odjerna għaliex hu evidenti li din l-azzjoni hija imsejsa unikament fuq ħtija għal danni akwiljani u mhux dawk kontrattwali. Huwa minnu li mill-provi jirriżulta li l-konvenuta hija s-sid mhux biss tal-fond li minnu kien qed jiskula l-ilma fis-saqaf tal-fond mikri lis-soċjeta' Masco Security Services Limited, iżda effettivament ukoll proprjetarja tal-istess fond sottostanti. Madanakollu, fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt ma jibdel assolutament xejn fl-istħarriġ dwar ir-responsabbilita' għall-ħsarat subiti fil-ħwejjeġ tal-inkwilin. Fi kwalsiasi każ, il-konvenuta ma ressqet l-ebda provi in sostenn tal-kontestazzjoni tagħha dwar l-allegat nuqqas ta' leġittimita' tal-okkupazzjoni tal-fond tagħha mis-soċjeta' danneġġjata - ħlief għax-xhieda ta' binha Rennie Zammit illi qatt ma rċvew il-ħlas ta' xi kera mingħand is-soċjeta' Masco Security Services Limited - u għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tinoltra ruħha iktar dwar din l-eċċezzjoni, liema eċċezzjoni qiegħda tiġi respinta.

Ikkunsidrat;

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwistjoni li għandha tigi trattata u determinata hija dik dwar x'responsabbilta` jista' jkollha l-konvenuta fil-konfront tal-atturi għall-ħsarat kawżati fil-ħwejjeġ tal-assigurat tas-soċjeta' Atlas Insurance PCC Limited, liema ħwejjeġ kienu jinsabu fil-fond okkupat minnha ġewwa 32, Triq Ponsomby, Mosta.

Il-Qorti tibda billi tosserva li peress illi din hija azzjoni għad-danni, għandhom japplikaw il-prinċipji ġenerali ta' dritt li jinsabu enunċjati fil-Kodiċi Ċivili taħt it-

titolu ta' "Delitti u Kwazi Delitti", senjatament il-prinċipju li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu[2].

In linea ta' prinċipju ġenerali, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Dr. Remigio Zammit Pace noe vs Reginald Fava et noe et**, deċiża fil-25 ta' Marzu 2004, qalet hekk:-

"*L-istess liġi hi mbagħad daqstant ieħor kategorika u ċara dwar il-punt illi "kull min ..... mingħajr ħsieb li jagħmel jew jonqos li jagħmel id-doveri imposti mill-liġi, huwa obbligat għall-ħsara li tiġi minn hekk". Tali prinċipji jabbraċċjaw l-attijiet ta' kummissjoni kif ukoll ta' omissjoni. Kif intqal fil-kawża "Bonnici vs Mizzi", deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003, b'approvazzjoni għal dak li ntqal f'ġudikat anterjuri, "Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene" – Vol.XXIV.I.172.*"

L-Artikolu 1032(1) tal-Kap. 16, imbagħad, jiddisponi illi:-

"*Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.*"

Illi in materja speċifika tar-responsabbilita` għall-hsarat ikkaġunati minn *inter alia* dħul ta' ilma minn fond għal ieħor, huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna illi r-responsabbilita` hija ta' natura oġġettiva, b'mod illi s-sid li għandu taħt il-kontroll tiegħu dik il-proprjeta` minn fejn toriġina l-ħsara li tikkawża d-danni, għandu jwieġeb għad-danni li jsofri ħaddiehor minħabba f'dik il-ħsara. Il-prinċipju bażilari in materja jixħet fuq is-sid tal-fond fejn jinsabu istallati ħwejjeġ jew impjanti li jistgħu jikkaġunaw ħsara, l-oneru li jieħu l-miżuri ta' prekawzjoni u diligenza ordinarja biex

[2] Artikolu 1031 Kap. 16.

jassigura li dawn il-ħwejjeg jinżammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni ħalli ma jikkawżawx dannu lil terzi.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Limited vs Doreen Vella et**[3], li jittratta każ konsimili dwar ħsarat ikkaġunati bħala riżultat ta' ingress ta' ilma fi fond sottostanti l-fond fejn ġie riskontrat difett f'xi kanna tal-ilma mirduma fil-hajt, intqal hekk in propositu:-

"*Ma jista' qatt ikun dubitat in linea ta' principju generali illi kull sid ta' bini hu prezunt li ghandu taht il-kontroll u disponibilita` tieghu mhux biss l-istruttura ut sic imma wkoll l-impjanti u l-installazzjonijiet ta' go fih. Gie ritenut ghaldaqstant minn din il-Qorti kif presjeduta illi "huwa ghalhekk prezunt illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara kagjonata anke minn dawn l-impjanti u installazzjonijiet taht il-kontroll tieghu.* ***Li jfisser allura illi jissussisti d-dover ta' kontroll u ta' kustodja adegwata ta' dawn il-hwejjeg li fuqhom is-sid jew detentur ghandu l-poter materjali****." Ara "Giovanni Vella et -vs- Michael Cilia", Appell mit-*Tribunal *ghal Talbiet Zghar, 23 ta' Gunju, 2004;*" [emfasi ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Giovanni Vella et vs Michael Cilia** tat-23 ta' Gunju 2004 ,li saret referenza ghaliha fil-bran mis-sentenza ġia' ċitata, ġie rapportat illi:-

*"Wiehed necessarjament jifhem li bini jinkorpora fih mhux biss il-gebla izda l-impjanti u nstallazzjonijiet ta' go fih. ... Il-mizuri tal-prekawzjoni u tas-salvagwardja ta' dawn il-hwejjeg ghandhom ikunu ritenuti korrelatati mal-ordinarja diligenza. Ghalhekk ma jestendux ghall-konsiderazzjoni ta' mgieba irrazzjonali u l-boghod minn kull logika tad-dover primarju tad-diligenza."*

Issa fil-każ in diżamina, il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm fir-Risposta l-konvenuta tikkontesta r-responsabbilita' tagħha għall-ħsarat riskontrati fil-merkanzija u għodda li kienu sitwati fil-maħżen di proprjeta' tagħha minħabba l-ingress tal-ilma

[3] Deciza 23 ta' April 2010.

mill-fond sovrastanti wkoll di proprjeta' tagħha, u ċaħdet kull ness bejnha u d-danni subiti mis-soċjeta' Masco Security Services Limited, hija baqgħet ma ressqet l-ebda prova biex tissostanzja din il-linja difensjonali. Mhux talli hekk, talli l-uniku xhud imressaq mill-konvenuta, binha Rennie Zammit[4], xehed illi meta madwar erba' snin qabel kien avviċinah rappreżentant tas-soċjeta' Masco dwar l-ilma li kien dieħel fil-fond okkupat minnhom, huwa kien daħal f'dan il-fond u ra barmil u ilma jqattar mis-saqaf. Fisser ukoll illi dan l-ilma kien ġej mill-gulley li jinsab fil-bitħa tal-fond sovrastanti u għalkemm din il-bitħa kienet tinżamm dejjem nadifa, huwa kien ħa ħsieb li jsiru x-xogħiljiet meħtieġa għat-tiswija ta' dan il-gulley biex ma jibqax dieħel l-ilma fil-fond sottostanti.

Fir-rigward, il-Qorti ħadet qies ukoll tax-xhieda ta' Joseph Bartolo[5] li xehed illi huwa kien ilu tliet snin jiġbed l-attenzjoni tal-konvenuta, bħala s-sid tal-maħżen użat mill-kumpannija, illi kien qed ikun hemm problema ta' dħul tal-ilma fil-maħzen. Ikkonferma wkoll illi meta sussegwentement, f'Jannar 2017 huwa ġie mgħarraf bl-influss tal-ilma fil-maħżen u nnota li l-ilma kien dieħel minn diversi bnadi fis-saqaf li jiġi taħt il-bitħa interna tal-fond sovrastanti tal-konvenuta, huwa infurmaha dak il-ħin stess b'dak li ġara u effettivament, iktar tard dakinhar il-konvenuta marret tara l-ħsara tal-ilma fil-maħżen u rat ukoll il-gulley misdud fil-bitħa tal-fond sovrastanti kif ukoll l-ilma. Xehed ukoll illi wara ftit ġranet hija bagħtet ħaddiema biex isewwu l-gully u jagħmlu xi xogħol ieħor rimedjali.

Għall-Qorti dan kollu jfisser mhux biss li l-konvenuta, għalkemm kienet konsapevoli dwar id-dħul tal-ilma mill-fond taghha għal ġol-fond sottostanti, naqset milli tindirizza din il-problema tempestivament b'mod effettiv, iżda wkoll li dak illi ġie allegat mill-konvenuta fir-raba' eċċezzjoni fir-Risposta tagħha, ċioe' li hija "*qatt ma ġiet avviċinata u murija xi ħsarat li seħħew u subiti minn Masco Security Services*", huwa kontradett u mxejjen mill-provi, anke dawk imressqin minnha stess. Magħdud dan il-fatt illi l-konvenuta effettivament rikonoxxiet in-nuqqasijiet fil-fond tagħha bħala l-

[4] Ix-xhud ikkonferma illi huwa jieħu ħsieb il-ħwejjeġ ta' ommu – are xhieda ta' Rennie Zammit tat-8 ta' Ottubru 2019, fol. 97.
[5] Affidavit ta' Joseph Bartolo, fol. 49 *et seq*.

kaġun tad-dħul tal-ilma fil-proprjeta' sottostanti u dan meta qabbdet lil terzi għat-twettiq tax-xogħolijiet rimedjali biex ma jibqax jipperkola l-ilma mill-gully u l-katusi li jinsabu għaddejjin fil-bitħa tagħha.

Iżda lil hinn minn dan ir-rikonoxximent tal-konvenuta dwar il-kaġun tal-ingress tal-ilma fil-fond okkupat minn Masco Security Services Limited, il-kaġun tal-ingress tal-ilma fil-fond okkupat minn Masco Security Services Limited huwa wkoll abbundantement stabbilit mill-provi mressqa mill-atturi. Wara li rat il-provi, il-Qorti hija sodisfatta illi l-ilma li pperkola fil-fond in diżamina kien provenjenti mill-gulley li kien għaddej mill-bitħa tal-fond tal-konvenuta għal ġos-saqaf tal-fond assikurat u dan minħabba nuqqasijiet fis-sistema tad-drenaġġ tal-ilma mill-bjut u minn diversi katusi oħrajn. Dan kollu jirriżulta ampjament mix-xhieda ta' Joseph Bartolo, id-direttur tal-kumpannija Masco Security Services Limited, ix-xhieda ta' Bernard Farrugia - *loss adjustor* imqabbad mis-soċjeta' Atlas Insurance PCC Limited biex jistabbilixxi l-kaġun tal-ħsarat sofferti fil-ħwejjeġ tal-assikurat tagħha - kif ukoll mix-xhieda tal-Perit Philip Grech.

Joseph Bartolo, direttur tas-soċjeta' Masco Security Services Limited, spjega fl-Affidavit tiegħu illi f'Jannar 2017 kien hemm influss qawwi tal-ilma fil-maħżen tal-kumpannija wara lejl li fih għamlet ix-xita, u b'riżultat ta' dan l-ingress tal-ilma mis-saqaf u minn mal-ħitan tal-fond, ixxarrbu diversi kaxxi tal-merkanzija u kkaġuna ħsara wkoll f'xi għodda u strumenti li kienu qed jinżammu fil-fond. Huwa nnota li l-ilma kien dieħel minn diversi bnadi tas-saqaf li jiġi l-art tal-bitħa sovrastanti u **meta mar jittawwal f'din il-bitħa, huwa ra illi din kienet kollha mgħerrqa b'xi tliet pulzieri ilma[6] għaliex il-gully li għaddej mill-bitħa kif ukoll mas-saqaf tal-fond sottostanti, kien instadd u l-ilma ma setax jiskula minn ġo fih. Dan il-gully infetaħ b'mod temporanju iktar tard fl-istess ġurnata biex l-ilma seta' jgħaddi**.

Bernard Farrugia xehed li fis-16 ta' Jannar, 2017 huwa mar fil-fond ġewwa 32, Triq Ponsomby, Mosta u ġie muri l-ħsara fl-istokk u l-apparat importat u mibjugħ minn

[6] Ara kontro-ezami ta' Joseph Bartolo, fol. 112.

Masco Security Services Limited u ra wkoll ħsara f'xi għodda u ħwejjeġ ta' klijenti tal-kumpannija. Huwa kkostata illi dawn il-ħsarat kienu kaġunati minn ilma li daħal mis-saqaf tal-fond u li kien ġej mill-proprjeta' residenzjali fis-sular ta' fuq u dan għaliex ra t-tixrib fil-fond u l-qtar li kienu jidhru fis-saqaf tal-fond. **Ix-xhud ikkonferma illi l-parti tal-fond fejn kien hemm l-iżjed konċentrazzjoni ta' ilma, tiġi taħt il-bitħa interna tal-fond fl-ewwel sular fejn huwa ra li kien hemm xi problema bid-drenaġġ li kkaġuna l-perkolazzjoni tal-ilma u ħa wkoll ritratti. Fisser li kien hemm diversi katusi jagħtu ghal ġol-gandott li kien mghotti b'bicca *expanded metal***.

Il-Qorti ħadet qies ukoll ta' dak li xehed il-Perit Philip Grech[7] kif ukoll il-kontenut tar-rapport redatt minnu[8], fejn huwa kkostata li kien hemm dħul ta' ilma fil-fond assikurat u għalkemm huwa ma rnexxilux jikseb aċċess għall-fond sovrastanti, mir-ritratti li ġew mgħoddija lilu tal-bitħa ta' dan il-fond[9], huwa kkostata illi li hemm gully li hija tant fgata bil-katusi mqabbdin magħha li qajla fiha wisa' għall-inżul tal-ilma kollu li tilqa' fiha. Dan il-gully jilqa' l-ilma tax-xita mill-bjut kif ukoll l-ilma tas-sinkijiet, bil-konsegwenza illi meta jkun hemm influss qawwi tal-ilma tax-xita, il-gully ma jlaħħaqx mal-ilma. Minħabba f'hekk, l-ilma ma jkunx jista' jinżel mill-katusa u joqgħod fuq il-wiċċ tal-bitħa bir-riżultat li waqt illi jkun hemm, isib minn fejn jgħaddi għal isfel. **Huwa kkonkluda li l-ilma li pperkola fil-fond sottostanti ma setax daħal ħlief mill-bitħa tal-fond sovrstanti u li s-sistema tad-drenaġġ tal-ilma f'din il-bitħa m'huwiex kostruwit skont is-sengħa u l-arti**.

Il-fatt li kien hemm ingress ta' kwantita` konsiderevoli ta' ilma fil-fond huwa ulterjorment evidenzjat mir-ritratti esebiti minn Joseph Bartolo li juru diversi kaxxi tal-kartun imqegħdin fuq xkafef mal-ħajt u fuq imwejjed[10], imxarrbin bl-ilma[11]. Hu

[7] Xhieda tat-13 ta' Frar, 2019; fol. 38 – 45.
[8] Rapport immarkat Dok PG 1 a fol. 40 et seq.
[9] Uħud minn dawn ir-ritratti (Plate 7, Plate 8 u Plate 9) jidher li huma l-istess ritratti li ġew esebiti minn Joseph Bartolo (Dok. JB4, JB7 u JB9). Ritratti Dok. JB4 u JB7 huma ritratti li ttieħdu minn Bernard Farrugia waqt l-ispezzjoni li għamel fil-fond tal-konvenuta fis-16 ta' Jannar 2017.
[10] Ara xhieda ta' Joseph Bartolo in kontro-eżami, fol. 113.
[11] Dok. JB10, JB11 u JB12.

xehed ukoll li meta mar jara l-ingress tal-ilma fil-maħżen kif appena ġie mgħarraf mill-impjegat tiegħu, il-parti tal-maħżen li tiġi taħt il-bitħa sovrastanti kienet kompletament mgħerrqa u l-ilma kien dieħel minn diversi bandi fis-saqaf, filwaqt li l-merkanzija kienet diġa' mxarrba.

Minn dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi l-atturi rnexxilhom jissodisfaw l-oneru tal-prova mixħut fuqhom ċioe' li juru **l-eżistenza ta' rapport materjali dirett bejn l-ingress tal-ilma fis-saqaf tal-maħżen u l-ħsara ikkaġunati minn dan l-ingress**. B'żieda ma' dan, il-provi in atti jiddemostraw mingħajr wisq ekwivoku illi l-event dannuż li kkaġuna l-ħsarat fil-fond okkupat mis-soċjeta' Masco Security Services Limited, seħħ minħabba l-impjant tal-mogħdija u drenaġġ tal-ilma fil-bitħa tal-fond sovrastanti tal-konvenuta, nonche' id-difett fl-istallazzjoni u jew manutenzjoni ta' dan l-impjant.

Hawnhekk huwa relevanti in propositu dak li nghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Limited vs Doreen Vella et**:-

*"Anzi, dejjem fil-kaz ta' l-ispecje hawn ezaminat, strettament id-danneggjat mhux tenut jipprova x-xorta ta' kondotta kolpuza f'min igib fis-sehh l-event dannuz u, kwazi, kwazi, din hi wkoll irrilevanti in kwantu hu lanqas ma ghandu l-possibilita li jaccedi fil-fond li minnu originat il-hsara u, allura, tezisti ghalih anke id-diffikolta` estrema li hu jipprova l-kondotta effettiva ta' sid dak il-fond;*

*Kif taraha din il-Qorti* ***d-danneggjat hu gravat bl-oneru li jiddemostra li l-event gie prodott b'konsegwenza tal-malfunzjonament jew tal-hsara fl-attrezzatura jew installazzjoni sitwata fil-fond sovrastanti u li tali kienet tirrapprezenta dik il-kondizzjoni necessarja u sufficjenti fil-produzzjoni tal-hsara****. ... Jinghad a propozitu mill-Franzoni ("Le obbligazzioni da fatto illecito", Ed. Utet, 2004 p. 292), "In questo modo, il danneggiato è gravato soltanto dall'onere di dimostrare l'esistenza del rapporto eziologico tra la cosa e l'evento del danno, mentre sul convenuto grava*

*l'onere di provare l'esistenza di un fattore, estraneo alla sua sfera soggettiva, idoneo ad interrompere quel nesso causale (Cass. 13 ta' Frar, 2002, Nru. 2075)";*

*Xi haga konsimili nghad minn din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha tas-7 ta' Frar, 2007 fl-ismijiet "Albert Farrugia -vs- Peter Galea et", u cjoe, "kull ma kellu jipprova l-attur kien il-fatt ta' l-ingress ta' l-ilma fil-fond tieghu provenjenti mill-appartament sovrastanti, proprjetà` ta' l-appellanti. Hi din il-prova tan-ness materjali tal-kawzalita bejn l-ingress ta' l-ilma u d-dannu verifikat li kienet tinkombi fuq l-attur. Dan ghaliex fil-kaz prezenti ninsabu fil-presenza tar-responsabilita` oggettiva, hekk krejata mis-sitwazzjoni taz-zewg fondi, ghal liema jghoddu wkoll il-principju tar-res ipsa loquitur." Jikkonsegwi minn dan illi* ***r-responsabilita` tissussisti ma' l-accertament posittiv ta' l-ingress ta' l-ilma mill-fond ta' l-appellanti u li dak il-fatt kellu effikacja kawzali fil-produzzjoni ta' l-event tal-hsara****;"* [enfasi ta' din il-Qorti][12]

Kif sewwa sottomettiet l-abbli difensur tal-atturi waqt it-trattazzjoni orali tal-kawża, l-atturi marru oltre milli jissodisfaw l-oneru tal-prova inkombenti fuqhom, għaliex huma ppruvaw mhux biss in-ness materjali bejn id-dannu soffert u l-ingress tal-ilma fil-fond mill-fond sovrastanti - li huwa taħt il-kontroll tal-konvenuta - iżda wrew ukoll illi l-ingress tal-ilma fil-fond sovrastanti huwa dovut lil xi nuqqas jew difett fis-sistema tad-drenaġġ tal-ilma manifestat fil-fatt illi l-gully li fih jiskula l-ilma mill-katusi għaddejjin fl-istess bitħa, instadd bil-konsegwenza li l-ilma tax-xita inġabar fil-wiċċ tal-bitħa, ippenetra l-art u skula minn ġos-saqaf tal-maħżen sottostanti.

Għaldaqstant, il-Qorti hija konvinta illi ġie ppruvat fil-grad meħtieġ mil-liġi ċioe' fuq preponderanza tal-provi fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, illi l-ħsara li ġiet ikkaġonata lill-ħwejjeġ tas-soċjeta' Masco Security Services Limited, seħħet minħabba l-ħtija tal-konvenuta. Dan ifisser illi l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta fir-Risposta tagħha, m'humiex tajbin u ser jiġu respinti.

[12] Dan it-taghlim gie ribadit u applikat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Emanuel Spiteri et vs Id-Direttur tal-Ufficcju Kongunt et –** 22 ta' Gunju 2017.

Ikkunsidrat;

Stabbilit dan kollu, l-oneru issa jixxaqleb fuq il-konvenuta u jispetta lilha, li tipprova li ma taħtix għall-event dannuż, per eżempju minħabba każ fortuwitu jew minħabba li l-fond li minnu pprovjena d-dannu, m'huwiex taħt il-kontroll tagħha. Madanakollu, mir-Risposta ppreżentata mill-konvenuta in linea ta' kontestazzjoni tat-talbiet attriċi, jirriżulta minnufih li l-konvenuta ma ressqet l-ebda eċċezzjoni jew linja difensjonali preordinata biex tinħeles mill-ħtija għall-event dannuż, għajr li tikkontendi li l-inċident dannuż ma seħħx minħabba l-ħtija tagħha u waqfet hemm. Wisq anqas ressqet xi prova dwar l-eżistenza ta' xi fattur estern li jilliberaha minn din ir-responsabilita`. M'huwiex il-kompitu tal-Qorti biex tfittex hi stess xi prova li tiskolpa lill-konvenuta meta l-konvenuta nnifisha naqset milli tipprova illi hija ma kkontribwixxiet la pożittivament u lanqas negattivament għall-fatt dannuż, u naqset ukoll milli tidentifika xi skużanti li minħabba fih l-applikazzjoni fil-konfront tagħha tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1031 u 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili setgħu jiġu evitati.

Wara kollox, kif intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq ċitata:-

"*… gjaladarba tezisti dik il-kustodja fis-sid, dan huwa minnu innifsu kriterju ta' responsabilita`, in kwantu jimponi fuq min ghandu d-disponibilita` tal-fond, sija materjali, sija guridika, ir-responsabilita` ghas-sehh ta' certi eventi determinanti. Dan ukoll indipendentement mir-ricerka tan-ness kawzali bejn xi kondotta negattiva tieghu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruhu.*"[13]

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-ħsarat subiti fil-merkanzija u ħwejjeġ oħrajn tas-soċjeta' Masco Security Services Limited kienu dovuti għal ingress ta' ilma provenjenti mill-fond tal-

[13] **Gasan Mamo Insurance Limited vs Doreen Vella et**. – *supra.*

konvenuta, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tillikwida d-danni li gew effettivament ikkaġunati b'dan id-dħul tal-ilma.

Is-soċjeta' assiguratriċi ħallset lill-assigurata tagħha Masco Security Services Limited is-somma ta' €8,167 rappreżentanti l-ammont likwidat mil-*loss adjustor* kwantu l-valur tal-merkanzija, għodda u strumenti danneġġjati[14] bl-ilma, liema ħsarat ġew kostatati personalment minnu waqt l-ispezzjoni li għamel fil-fond[15]. Il-komputazzjoni ta' dan l-ammont jirriżulta mir-rendikont Dok. FB1, liema rendikont huwa mbagħad sostanzjat ulterjorment minn għadd ta' dokumenti ossia fatturi li jevidenzjaw il-prezz imħallas oriġinarjament mis-soċjeta assigurata għax-xiri tal-ħwejjeġ imħassrin[16]. Hu inkontestat illi dan l-ammont ta' €8,127 tħallas lis-soċjeta' Masco Security Services Limited mis-soċjeta' assiguratriċi - li ġiet surrogata fid-drittijiet tal-imsemmija assigurata tagħha kwantu għall-irkupru ta' dan l-ammont - flimkien mal-ispejjez imħallsin lil-*loss adjustor* Resolve Consulting Limited fis-somma ta' €922.76[17] u lill-Perit Philip Grech fis-somma ta' €289.10 li entrambi ġew appuntati mis-soċjeta' Atlas Insurance PCC Limited in segwitu u għall-fini tad-determinazzjoni tal-*claim* reġistrat mill-assigurata tagħha. Huwa ppruvat ukoll mix-xhieda ta' Joseph Bartolo kif ukoll ta' Francesca Bartolo – u mhux kontradett mill-konvenuta – illi s-soċjeta' assiguratriċi tħallset is-somma ta' €60 in linea ta' *excess payment* mill-assigurata tagħha in konnessjoni ma' dan il-*claim*.

Għaldaqstant, jirriżulta illi t-talba tal-atturi fis-somma komplessiva ta' €9,438.88[18] hija magħmula mit-total tas-segwenti ammonti:-

- €8,167 (ammont likwidat mil-*loss adjustor*)
- €922.76 (drittijiet tal-*loss adjustor*)[19]

---

[14] Komputazzjoni ta' Bernard Farrugia, Dok. BF4, fol. 32.
[15] Ara fol. 15 kif ukoll Dok. BF3, fol. 30 u 31.
[16] Doc. 1 sa Doc. 10, fol. 70 *et seq*.
[17] Il-pagament ta' din is-somma jirriżulta mix-xhieda ta' Bernard Farrugia kif ukoll mix-xhieda ta' Francesca Bartolo u l-fattura a fol. 81.
[18] It-total huwa ta' €9,438.86 u mhux €9,438.88.
[19] Dok. BF6, fol. 34.

- €289.10 (rapport tal-Perit Philip Grech)
- €60 (excess)

---

**Total €9,438.86**

Il-konvenuta permezz tar-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet sollevati fir-Risposta tagħha, tikkontesta l-ammont reklamat fuq il-premessa li hija qatt ma ġiet avviċinata u murija xi ħsarat li seħħew u li ġew subiti minn Masco Security Services Limited u illi konsegwentement, hija ma setgħet qatt tivverifika l-istima tal-ħsarat.

Madanakollu, kuntrarjament għal dak eċċepit mill-konvenuta u kif diġa' ġie stabbilit, jirriżulta mix-xhieda ta' Joseph Bartolo li hija kienet effettivament mistiedna tispezzjona l-ħsarat dakinhar stess meta seħħet il-ħsara bid-dħul tal-ilma fil-maħżen, tant illi binha stess, Rennie Zammit, ikkonferma fix-xhieda tiegħu[20] illi meta ġie mgħarraf li kien dieħel l-ilma fil-maħżen u huwa daħal fil-post u ra l-ilma jqattar.

Barra minn hekk, jirriżulta wkoll illi fit-2 ta' Mejju 2017 - saħansitra qabel ġie kwantifikat il-valur tal-ħsarat fil-merkanzija permezz tal-*loss adjustor*[21] u wkoll qabel ġie ingaġġat il-Perit Philip Grech[22] - is-soċjetajiet atturi kienu interpellaw lill-konvenuta permezz ta' ittra legali bonarja sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni li evidentement, sa dakinhar, kienu għadhom ma ġewx komputati. Kemm hu hekk, il-konvenuta tramite l-konsulent legali tagħha, wieġbet għal din l-interpellazzjoni[23] billi ċaħdet b'mod assolut ir-responsabbilita' tagħha għall-incident dannuż mingħajr ma talbet tagħrif ulterjuri, la dwar il-kaġun tal-ħsarat u lanqas dwar il-valur relattiv. Dan jikkontradixxi b'mod assolut dak li ġie eċċepit mill-konvenuta fir-raba' paragrafu tar-Risposta tagħha għaliex evidentement, mhux minnu li qatt ma ġiet avviċinata in konnessjoni mad-danni subiti qabel ġiet notifikata b'xi ittra uffiċjali.

---

[20] Fol. 91.
[21] Kwantifikazzjoni tal-valur tad-danni għall-fini tal-ħlas lill-assigurat, saret f'Lulju 2017 – ara Dok. BF4, fol. 32.
[22] Hu kien ispezzjona l-fond fit-8 ta' Awwissu 2017 – ara rapport Dok. PG1, fol. 40.
[23] Ara ittra legali tal-31 ta' Mejju 2017 mibgħut għan-nom tal-konvenuta – Dok. FB2, fol. 84.

Kemm hu hekk, ma jirriżultax li l-konvenuta ġiet effettivament interpellata ġudizzjarjament qabel ġiet notifikata bir-Rikors promotur ta’ din il-kawża.

F’kull każ, il-konvenuta baqgħet ma kkontradixxiet bl-ebda mod il-valutazzjoni tal-ammont rappreżentanti l-ħsarat fil-merkanzija u l-ħwejjeġ l-oħra danneġġjati u ma ressqet l-ebda prova kwalsiasi li tikkonvinċi lill-Qorti l-għala ma għandhiex taċċetta l-valur komputat mil-*loss adjustor* u l-ispejjeż tiegħu jew tal-perit inkarigat mis-soċjeta’ assiguratriċi, *multo magis* meta jirriżulta li l-valur tal-oġġetti danneġġjati ġie debitament sostanzjat bir-riċevuti tal-akkwist ta’ dawk l-oġġetti u meta jirriżulta wkoll li sar tnaqqis u aġġustamenti oħrajn fl-ammonti likwidati inizzjalment mil-*loss adjustor* biex il-valur finali jirrifletti b’mod iktar reali t-telf attwalment soffert. Huwa sinjifikanti wkoll fir-rigward illi Francesca Bartolo kkonfermat ukoll illi hija kienet aċċertat personalment illi kull wieħed mill-oġġetti danneġġjati li l-valur tagħhom ġie rimborsat lis-soċjeta’ Masco Security Services Limited taħt il-polza tal-assigurazzjoni, ġie mormi.

Għaldaqstant, il-Qorti fil-qies ta’ dan kollu, qiegħda tqis bhala ġustifikata d-deċizjoni tas-socjeta` attrici li tħallas dawn l-ispejjez lill-assikurat taghha, bħalma tqis ukoll li kien meħtieġ għall-ipproċessar tal-*claim* relattiv u għad-determinazzjoni tar-responsabbilita’ għad-dħul tal-ilma fil-fond assikurat u għall-fini tal-kwantifikazzjoni tal-valur tad-danni, li jiġu inkarigati mis-soċjeta’ assikuratriċi, il-professjonisti in materja u konsegwenement, li tħallas l-ispejjez u drittijiet tagħhom.

In konklużjoni, il-Qorti ma tirravviża l-ebda nuqqas da parti tas-soċjeta’ assikurata fl-obbligu tagħha li tagħmel dak li kien raġjonevolment meħtieg biex timminimizza d-danni li llum qed jigu reklamati minghand il-konvenut. Wara kollox, jinsab ritenut in tema:-

*"Il-kwistjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari, u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut".* [24]

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa' t-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuta MARY ZAMMIT tħallas is-somma komplessiva ta' disat elef erba' mija u tmienja u tletin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€9,438.86): kwantu għas-somma ta' disat elef tliet mija u tmienja u sebghin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€9,378.86) lis-soċjeta' ATLAS INSURANCE PCC LIMITED u kwantu għas-somma ta' sittin Euro (€60) lis-soċjeta' MASCO SECURITY SERVICES LIMITED, għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur u bl-imghax mid-data tal-preżentata tal-istess Rikors promotur cioe` 4 ta' Ġunju 2018.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[24] **Percius Car Hire Limited v. Richard Schembri** - deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inf.] fl-20 ta' Ottubru 2003.